Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għas-Sajd

2024/2108(INI)

16.7.2025

OPINJONI

tal-Kumitat għas-Sajd

għall-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u l-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni bejn l-UE u r-Renju Unit
(2024/2108(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Isabelle Le Callennec

PA_NonLeg

EMENDI

Il-Kumitat għas-Sajd jippreżenta lill-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u lill-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali, bħala l-kumitati responsabbli, dan li ġej:

Emenda 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 7a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/1755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ottubru 2021 li jistabbilixxi r-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit[1a] (ir-Regolament RAB),
	[1a] ĠU L 357, 8.10.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1755/oj.

Emenda 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 17a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU dwar il-Liġi tal-Baħar tal-10 ta' Diċembru 1982, magħrufa bħala l-Konvenzjoni ta' Montego Bay[1a],
	[1a] ĠU L 179, 23.6.1998, p. 1.

Emenda 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 17b (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra d-deċiżjoni tat-Tribunal tal-Arbitraġġ tat-28 ta' April 2025 fil-kwistjoni ta' arbitraġġ skont l-Artikolu 739 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ

u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq dwar id-deċiżjoni tar-Renju Unit li jipprojbixxi s-sajd għaċ-ċiċċirell fl-ilmijiet Ingliżi tal-Baħar tat-Tramuntana u fl-ilmijiet Skoċċiżi kollha[1a],

[1a] Qorti Permanenti tal-Arbitraġġ, Kawża 2024–45, https://pca-cpa.org/en/cases/334/.

Emenda 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ja (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ja. billi, fid-19 ta' Mejju 2025, l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit adottaw ftehim politiku li jwassal għal aċċess reċiproku sħiħ għall-ilmijiet biex isir is-sajd sat-30 ta' Ġunju 2038[1a];

[1a] Id-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni, 'A renewed agenda for European Union – United Kingdom cooperation Common Understanding' (Aġenda mġedda għal Fehim Komuni ta' kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit), 19 ta' Mejju 2025, https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/en/statement_25_1267.

Emenda 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa L

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
L. billi hija l-valutazzjoni ġenerali tal-Kummissjoni li l-FKK huwa ftehim modern u komprensiv, li jirrifletti l-interessi tal-UE dwar il-kummerċ u l-kooperazzjoni, filwaqt li, fl-istess ħin, jippreżerva l-limiti li ġew stabbiliti mill-istituzzjonijiet tal-UE u mill-Istati Membri	L. billi hija l-valutazzjoni ġenerali tal-Kummissjoni li l-FKK huwa ftehim modern u komprensiv, li jirrifletti l-interessi tal-UE dwar il-kummerċ u l-kooperazzjoni, filwaqt li, fl-istess ħin, jippreżerva l-limiti li ġew stabbiliti mill-istituzzjonijiet tal-UE u mill-Istati Membri

matul il-proċess ta’ ħruġ tar-Renju Unit; billi għas-snin 2021 sa 2024, il-Kummissjoni, fir-rapporti annwali ta’ implimentazzjoni tagħha, stabbiliet li, b’mod ġenerali, l-arranġamenti kummerċjali għall-prodotti u s-servizzi stabbiliti fil-FKK ħadmu tajjeb, minkejja problemi ***żgħar*** bl-implimentazzjoni;	matul il-proċess ta’ ħruġ tar-Renju Unit; billi għas-snin 2021 sa 2024, il-Kummissjoni, fir-rapporti annwali ta’ implimentazzjoni tagħha, stabbiliet li, b’mod ġenerali, l-arranġamenti kummerċjali għall-prodotti u s-servizzi stabbiliti fil-FKK ħadmu tajjeb, minkejja problemi ***serji*** bl-implimentazzjoni***, b’mod partikolari fil-qasam tas-sajd***;

Emenda 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa M

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
M. billi skont il-FKK, il-forniturі ta’ servizzi jew l-investituri mill-UE ma jeħtiġilhomx jiġu trattati b’mod anqas favorevoli mill-operaturi tar-Renju Unit fir-Renju Unit, u viċe versa; billi l-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni japplika għal firxa wiesgħa ta’ attivitajiet ekonomiċi, inklużi l-forniment ta’ servizzi, l-istabbiliment ta’ negozji ***u l-protezzjoni*** tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali;	M. billi skont il-FKK, il-forniturі ta’ servizzi jew l-investituri mill-UE ma jeħtiġilhomx jiġu trattati b’mod anqas favorevoli mill-operaturi tar-Renju Unit fir-Renju Unit, u viċe versa; billi l-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni japplika għal firxa wiesgħa ta’ attivitajiet ekonomiċi, inklużi l-forniment ta’ servizzi, l-istabbiliment ta’ negozji***, il-protezzjoni*** tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali***, l-attivitajiet tas-sajd***;

Emenda 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragraph 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jinnota b’sodisfazzjon il-funzjonament effettiv tal-korpi konġunti tal-FKK; jappella għal trasparenza kontinwa fil-ħidma tagħhom;	11. Jinnota b’sodisfazzjon il-funzjonament effettiv tal-korpi konġunti tal-FKK; jappella għal trasparenza kontinwa fil-ħidma tagħhom; ***jistieden lill-Kummissjoni biex, fi żmien debitu, tikkondividi mal-Parlament il-minuti tal-laqgħat tal-kumitati speċjalizzati settorjali, kif ukoll kwalunkwe dokument dwar il-ftehimiet milħuqa, u, fuq bażi aktar regolari, iżżomm lill-Parlament infurmat bid-diskussjonijiet politiċi u***

	tekniċi li għaddejjin, iżżommu assoċjat magħhom u involut fihom;

Emenda 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11a. Jistieden liż-żewġ partijiet iżommu djalogu miftuħ fl-ogħla livell politiku; jinnota b'approvazzjoni s-Summit bejn l-UE u r-Renju Unit li sar f'Londra fid-19 ta' Mejju 2025; jitlob li summit bħal dan isir kull sena;

Emenda 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Subsubintestatura (ġdida) (wara s-subintestatura "Sajd" tal-abbozz ta' rapport)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Dwar l-implimentazzjoni tal-intestatura "Sajd" tal-FKK

Emenda 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 31

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
31. ***[kumitati li jagħtu opinjonijiet]***;	31. ***Jieħu nota tar-rapporti tal-2023 u tal-2024 tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-FKK, b'mod partikolari l-punti dwar l-intestatura "Sajd"***;

Emenda 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 31a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	31a. Jilqa' l-kooperazzjoni mtejba bejn il-partijiet fin-negozjati annwali dwar il-qabdiet totali permissibbli (TACs), li fl-2023 u fl-2024 wasslu għal ftehim f'waqtu li ppermetta li tiġi evitata l-applikazzjoni tal-qabiet totali permissibbli proviżorji, u b'hekk ġew żgurati ċ-ċarezza u l-prevedibbiltà għas-settur tas-sajd rigward l-opportunitajiet tas-sajd għas-sena ta' wara;

Emenda 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 31b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	31b. Jiddeplora l-instabbiltà kkawżata mill-Brexit fir-relazzjonijiet internazzjonali tas-sajd mal-istati kostali, li tagħmilha aktar diffiċli li jinkiseb bilanċ fl-arranġamenti ta' kondiviżjoni u li jsir skambju tal-opportunitajiet tas-sajd; jinnota bi tħassib il-fatt li xi stati kostali qed jieħdu vantaġġ minn din l-instabbiltà billi b'mod unilaterali u inġust jippruvaw iżidu l-opportunitajiet tas-sajd tagħhom, għad-detriment ta' dawk tal-UE; ifakkar fl-importanza li d-drittijiet storiċi tas-sajd jiġu rrispettati; jitlob kooperazzjoni msaħħa bejn l-UE u l-istati kostali biex jinkisbu ġestjoni sostenibbli tal-istokkijiet tal-ħut kondiviżi kif ukoll stabbiltà u prevedibbiltà akbar dwar il-kwoti tas-sajd, b'mod partikolari fil-kuntest tal-konsultazzjonijiet annwali u tal-arranġamenti trilaterali;

Emenda 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 31c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	31c. Ifakkar li r-Renju Unit introduċa sistema ta' liċenzji tas-sajd biex il-bastimenti tal-UE jkollhom aċċess għall-ilmijiet tiegħu; jinnota li din is-sistema dewmet b'mod sinifikanti l-implimentazzjoni effettiva tal-FKK, peress li n-naħa tar-Renju Unit żiedet ħafna prerekwiżiti għall-għoti ta' tali liċenzji, u tippenalizza b'mod partikolari l-bastimenti ta' anqas minn 12-il metru tul, li storikament kienu jistadu fl-ilmijiet territorjali tar-Renju Unit, iżda li kellhom diffikultà jaghtu prova tal-preżenza tagħhom fl-ilmijiet tar-Renju Unit; jiddispjaċih ħafna li din is-sitwazzjoni wasslet biex ħafna bastimenti fuq skala żgħira ma tinħarġilhomx liċenzja, u dan ġiegħlhom jirrilokaw lejn żoni oħra jew iwaqqfu l-attivitajiet tagħhom, u b'hekk żiedet mas-sitwazzjoni negattiva u l-effetti negattivi kkawżati minn spejjeż addizzjonali oħra u l-piżijiet burokratiċi assoċjati mal-Brexit; jiddispjaċih, barra minn hekk, għall-fatt li l-FKK irrenda null u bla effett it-Trattat ta' Granville Bay, li, sal-Brexit, kien jirregola s-sajd fl-ilmijiet ta' Jersey; ifakkar, fl-aħħar nett, li l-kwistjoni tal-limitu massimu globali għal-liċenzji maħruġa minn Jersey għadha ma ġietx solvuta għalkollox, u dan ihalli lil xi sajjieda inċerti ħafna dwar l-attivitajiet tas-sajd tagħhom fl-ilmijiet tad-Dipendenzi tal-Kuruna;

Emenda 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 31d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	31d. Ifakkar li, f'konformità mal-Artikolu 496 tal-FKK, il-miżuri ta' ġestjoni u tekniċi li jista' jkollhom impatt fuq il-bastimenti tal-parti l-oħra għandhom jiġu nnotifikati minn qabel

b'mod li jkun hemm żmien biżżejjed biex il-parti l-oħra tkun tista' tikkummenta jew tfittex kjarifika; jenfasizza li tali miżuri jridu jkunu proporzjonati, nondiskriminatorji u bbażati fuq l-aħjar parir xjentifiku disponibbli, u jridu jqisu s-sostenibbiltà ambjentali, soċjali u ekonomika fit-tul; jiddispjaċih għall-fatt li l-istudji tal-impatt ma jitwettqux sistematikament bil-parteċipazzjoni ugwali tal-partijiet ikkonċernati miż-żewġ partijiet u in bona fide;

Emenda 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 31e (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	31e. Jiddispjaċih għall-fatt li r-Renju Unit implimenta b'mod unilaterali għadd kbir ta' miżuri ta' ġestjoni tas-sajd, b'mod partikolari ta' natura teknika, inklużi projbizzjonijiet fuq ċertu sajd, l-introduzzjoni ta' daqsijiet minimi tal-qabdiet għal ċerti speċijiet, l-għeluq tas-sajd f'żoni tal-baħar protetti (pereżempju fid-Dogger Bank), u l-istabbiliment ta' parks eoliċi, li jirriżultaw fi tnaqqis drastiku fl-aċċess tal-bastimenti tal-UE għaż-żoni tas-sajd u r-riżorsi tar-Renju Unit, b'mod partikolari fiż-żona ta' bejn is-sitta u t-tnax-il mil nawtiku; jiddispjaċih għall-fatt li dawn il-miżuri, u dawk fil-qasam soċjali, għandhom impatt akbar fuq il-bastimenti tal-UE milli fuq il-bastimenti Brittaniċi, b'riperkussjonijiet soċjoekonomiċi għall-industrija tas-sajd tal-UE u b'mod partikolari għas-sajjieda fuq skala żgħira; jinsab imħasseb li miżura ta' dan it-tip tista' fl-aħħar mill-aħħar teskludi l-bastimenti tal-UE minn żoni tas-sajd sħaħ, u b'hekk tixħet dubju fuq id-drittijiet tas-sajd tal-UE fl-ilmijiet Brittaniċi;

Emenda 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 31f (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	31f. Jistieden lill-Kummissjoni twettaq valutazzjonijiet komprensivi u sistematiċi tal-impatti soċjali, ekonomiċi u ambjentali ta' dawn il-miżuri, inkluż fid-Dipendenzi tal-Kuruna, sabiex tiddetermina jekk humiex proporzjonali u nondiskriminatorji, u, fejn xieraq, tirreaġixxi u tuża b'mod sod il-mekkaniżmu għas-soluzzjoni tat-tilwim jew il-miżuri ta' ritaljazzjoni previsti fil-FKK, inklużi miżuri ta' kumpens bħas-sospensjoni tat-trattament tariffarju preferenzjali mogħti lill-prodotti tas-sajd, kif ukoll il-mezzi politiċi u diplomatiċi l-oħra kollha li għandha għad-dispożizzjoni tagħha;

Emenda 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 31g (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	31g. Jilqa', f'dan ir-rigward, id-deċiżjoni finali tat-Tribunal tal-Arbitraġġ tat-28 ta' April 2024 fit-tilwima bejn L-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit dwar id-deċiżjoni li jingħalaq is-sajd għaċ-ċiċċirell fl-ilmijiet Ingliżi tal-Baħar tat-Tramuntana u fl-ilmijiet Skoċċiżi; jinnota li t-Tribunal, f'dan il-każ speċifiku, qies li ma kien hemm l-ebda ksur tal-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni, u li l-miżura kienet ibbażata fuq ix-xjenza; jisħaq li t-Tribunal sab li l-projbizzjoni fuq is-sajd għaċ-ċiċċirell fl-ilmijiet Ingliżi tikser il-prinċipju tal-proporzjonalità skont il-FKK u li r-Renju Unit naqas milli jissodisfa l-obbligu tiegħu li jagħti aċċess sħiħ għall-ilmijiet tiegħu biex isir is-sajd għaċ-

	ċiċċirell; ifakkar li r-Renju Unit huwa obbligat jieħu l-miżuri meħtieġa biex jikkonforma mad-deċiżjoni tat-Tribunal tal-Arbitraġġ; iqis li din id-deċiżjoni tipprovdi preċedent legali importanti biex jiġu ssalvagwardjati d-drittijiet tas-sajd tal-UE ubiex jingħata rispons għal miżuri simili futuri meħuda mir-Renju Unit; jistieden lill-Kummissjoni tkompli timmonitorja mill-qrib il-miżuri unilaterali meħuda mir-Renju Unit biex tiżgura l-konformità mal-FKK;

Emenda 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 31h (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	31h. Jinsab imħasseb li l-miżuri unilaterali għandhom effett ta' katina fuq il-vijabbiltà ekonomika u soċjali tas-settur tas-sajd tal-UE u fuq il-katina tal-valur tiegħu; jesprimi, barra minn hekk, it-tħassib tiegħu li r-restrizzjoni fuq l-aċċess għall-ilmijiet tar-Renju Unit qed twassal biex l-isforz tas-sajd jiġi trasferit lejn il-Kanal Ingliż u l-Baħar tat-Tramuntana, b'żieda fil-pressjoni fuq l-ispeċijiet TAC u fuq dawk mhux TAC; jenfasizza l-fatt li ż-żieda fl-użu tal-ilmijiet tal-UE għandha konsegwenzi f'dawk li huma sigurtà u ġestjoni tal-ispazju marittimu, iżda wkoll f'dak li hu aċċess għar-riżorsi, speċjalment għas-sajd fuq skala żgħira, u dan iqajjem dubji dwar is-sostenibbiltà soċjali, ekonomika u ambjentali tal-attivitajiet tas-sajd;

Emenda 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 31i (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

31i. Jitlob li ż-żewġ partijiet jindirizzaw malajr iż-żieda fil-pressjoni fil-Kanal Inġliż u fil-Baħar tat-Tramuntana billi jipproponu pjan ta' ġestjoni reġjonali biex jiggarantixxu l-isfruttament sostenibbli tar-riżorsi u l-ġestjoni pluriennali tas-sajd; ifakkar lill-Kummissjoni, f'dan ir-rigward, fir-regoli tal-pjan pluriennali tal-Baħar tat-Tramuntana, li jkopru wkoll dawn l-ilmijiet, u jemmen li għandhom jiġu adattati jekk ikun meħtieġ biex tiġi allinjati kwalunkwe diskrepanza possibbli u tiġi żgurata ċ-ċarezza legali għall-operaturi u għall-Istati Membri;

Emenda 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Subsubintestatura (ġdida) (wara l-paragrafu 31i (ġdid) ta' din l-opinjoni)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Tmiem il-perjodu ta' aġġustament

Emenda 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 31j (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	31j. Jitlob li ż-żewġ partijiet jirrispettaw il-prinċipju stabbilit fl-Artikolu 500 bit-titolu "Aċċess għall-ilmijiet", sabiex jiżguraw bilanċ sodisfaċenti b'mod reċiproku bejn l-interessi rispettivi tagħhom; ifakkar li l-aċċess għall-ilmijiet, inkluża ż-żona ta' bejn is-sitta u t-tnax-il mil nawtiku, irid ikun reċiproku u proporzjonat għat-TACs jew il-livelli medji tal-qabdiet tal-parti l-oħra; jistieden lill-Kummissjoni timplimenta bis-sħiħ dan l-artikolu u tiżviluppa fi ħdan il-Kumitat Speċjalizzat għas-Sajd il-linji gwida meħtieġa biex tiffaċilita l-applikazzjoni prattika tiegħu;

Emenda 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 31k (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	31k. Jenfasizza li l-FKK jipprevedi klawżola ta' rieżami li titlob rieżami fl-2030 biex tissaħħaħ u tiġi kkodifikata l-implimentazzjoni tal-FKK, filwaqt li jqis li din il-klawżola ma tistax tintuża biex jitnaqqas il-livell tal-aċċess għall-ilmijiet; jistieden,f'dan ir-rigward, lill-Kummissjoni tagħmel kull sforz biex tiżgura li l-aċċess għall-ilmijiet fis-snin li ġejjin jiżdied, ikun prevedibbli u kontinwu;

Emenda 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 31l (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	31l. Jilqa' l-ftehim politiku li ntlaħaq fid-19 ta' Mejju 2025 bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit, b'mod partikolari t-tiġdid tal-aċċess reċiproku, stabbli u kontinwu għall-ilmijiet sat-30 ta' Ġunju 2038; jilqa' l-fatt li s-sajd kellu post sinifikanti f'dawn in-negozjati reċenti; iħeġġeġ liż-żewġ naħat iżommu approċċ prammatiku u ta' benefiċċju reċiproku fin-negozjati futuri;

Emenda 24

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 31m (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	31m. Jilqa' l-fatt li l-Kumitat

	Speċjalizzat għas-Sajd ifformalizza l-ftehim politiku; jistieden lill-Kummissjoni tkun viġilanti fl-implimentazzjoni ta' dan il-ftehim il-ġdid, inkluż dwar l-aċċess għaż-żona ta' bejn is-sitta u t-tnax-il mil nawtiku, b'mod partikolari għall-bastimenti Franċiżi fuq skala żgħira u kostali;

Emenda 25

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 31n (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	31n. Itenni li l-aċċess reċiproku u kontinwu għall-ilmijiet u għar-riżorsi tas-sajd irid jinżamm bħala parti essenzjali tar-relazzjonijiet bejn l-UE u r-Renju Unit u jrid, għalhekk, jiġi ttrattat b'mod konġunt ma' partijiet oħra tal-FKK, bħall-kummerċ, l-aċċess għas-suq intern tal-prodotti tas-sajd u l-kooperazzjoni fl-enerġija;

Emenda 26

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 31o (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	31o. Jinnota li l-FKK jipprevedi tnaqqis gradwali ta' 25 % tat-TACs tal-UE fl-ilmijiet tar-Renju Unit matul il-perjodu ta' tranżizzjoni sa tmiem l-2026; jisħaq li dan it-tnaqqis kien sagrifiċċju enormi għas-sajjieda tal-UE u kellu impatt konsiderevoli fuq is-sajd tal-UE, li wassal għal pjanijiet ta' ħruġ mill-flotta u għat-telf ta' bastimenti; jilqa' l-fatt li, wara l-2026, l-opportunitajiet tas-sajd se jibqgħu jinżammu mill-inqas f'dan il-livell u mhux se jiġu ddubitati;

Emenda 27

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 31p (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	31p. Jiddispjaċih dwar in-nuqqas ta' data jew studji dwar l-impatt tal-Brexit; jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta bis-sħiħ ir-riperkussjonijiet tal-perjodu ta' aġġustament fuq il-katina tal-valur kollha tas-settur tas-sajd tal-UE;

Emenda 28

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 31q (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	31q. Jisħaq li l-FKK jipprevedi l-possibbiltà li jiġi kkunsidrat l-iżvilupp ta' strateġiji pluriennali għall-konservazzjoni u l-ġestjoni tat-TACs u tal-istokkijiet bla kwota; jitlob li ż-żewġ partijiet jaħdmu favur stabbiltà u prevedibbiltà akbar fil-kwoti tas-sajd u jiżguraw ġestjoni sostenibbli tal-istokkijiet fil-Baħar tat-Tramuntana u fil-Grigal tal-Atlantiku għas-setturi tas-sajd taż-żewġ partijiet;

Emenda 29

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Subsubintestatura (ġdida) (wara l-paragrafu 31q (ġdid) ta' din l-opinjoni)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Dwar il-governanza u l-kooperazzjoni fil-qasam tas-sajd bejn l-UE u r-Renju Unit

Emenda 30

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 31r (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	31r. Jisħaq fuq l-importanza ta' kooperazzjoni aktar b'saħħitha u aktar stretta bejn l-UE u r-Renju Unit, mhux biss dwar is-sajd u l-ġestjoni taż-żoni tal-baħar protetti, iżda b'mod ġenerali dwar l-ippjanar tal-ispazju marittimu, kif ukoll dwar miżuri tekniċi, ta' kontroll, doganali u sanitarji li jinvolvu l-korpi kollha, inkluż il-Kumitat Speċjalizzat għas-Sajd; jitlob li ż-żewġ partijiet itejbu l-funzjonament u t-trasparenza tal-korpi tal-governanza filwaqt li jiżguraw li ssir diskussjoni min qabel meta jiġu biex jistabbilixxu l-miżuri, li għandhom ikunu msejsa fuq bażijiet xjentifiċi u soċjoekonomiċi sodi u la għandhom ikunu diskriminatorja u lanqas ta' tali natura li jipprevjenu lill-atturi kkonċernati milli jilħqu l-kwoti allokati lilhom;

Emenda 31

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 31s (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	31s. Jistieden lill-Kummissjoni tkun partikolarment għassa li l-kundizzjonijiet stabbiliti u t-termini maqbula jkunu rrispettati u li tirreaġixxi bil-qawwa f'każ li r-Renju Unit jaġixxi b'mod diskriminatorju; jinkoraġġixxi, barra minn hekk, lill-Kummissjoni, fi ħdan il-Kumitat Speċjalizzat għas-Sajd, tadatta r-restrizzjonijiet doganali, sanitarji u ta' kontroll għall-ħatt l-art mill-bastimenti ta' parti waħda fit-territorju tal-parti l-oħra, pereżempju billi tistabbilixxi pjan ta' kontroll konġunt bejn ir-Renju Unit u l-Istati Membri individwali, dment li jingħataw garanziji ekwivalenti ta' traċċabbiltà u konformità tal-prodotti tal-frott tal-baħar; jenfasizza l-ħtieġa li jiġu

	żgurati ċirkwiti loġistiċi kemm għall-importazzjonijiet kif ukoll għall-esportazzjonijiet, billi jitneħħew l-ostakli marbuta man-nuqqas ta' kontrolli tas-saħħa u doganali f'ċerti portijiet;

Emenda 32

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 31t (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	31t. Jiddeplora l-għadd dejjem jikber ta' ksur imwettaq minn bastimenti tar-Renju Unit fl-ilmijiet tal-UE; jistieden lill-awtoritajiet tal-Istati Membri jsaħħu l-kapaċitajiet ta' sorveljanza marittima, iżidu l-kontrolli u japplikaw sanzjonijiet xierqa;

Emenda 33

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 31u (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	31u. Jitlob li l-partijiet jiżguraw il-koerenza, il-kompatibbiltà u l-interoperabbiltà tal-miżuri ta' kontroll tagħhom, inklużi s-sistemi ta' monitoraġġ elettroniku mill-bogħod u ta' kameras stabbiliti sabiex ma jżidux piż amministrattiv jew finanzjarju eċċessiv, u ma jiddevjawx minn xulxin b'mod li mhux raġonevoli; itenni li ż-żewġ partijiet għandhom ikunu fi djalogu mill-qrib mar-rappreżentanti tas-settur qabel ma jadottaw dawn il-miżuri;

Emenda 34

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 31v (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	31v. Jinnota li l-Kumitat Speċjalizzat għas-Sajd iltaqa' disa' darbiet mid-dħul fis-seħħ tal-FKK; jiddispjaċih, madankollu, għan-nuqqas ta' trasparenza u obbligu ta' rendikont ta' dan il-korp; jitlob li l-membri tal-Kumitat għas-Sajd tal-Parlament ikunu involuti fil-laqgħat u jiġu mistiedna jattendu għalihom biex ikun jista' jsir skrutinju xieraq, u li d-dokumenti tal-laqgħat u l-minuti jiġu kondiviżi mill-aktar fis possibbli;

Emenda 35

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 31w (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	31w. Jistieden lill-Unjoni Ewropea u lir-Renju Unit isaħħu l-isforzi tagħhom biex jippromwovu l-konservazzjoni u l-isfruttament sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd, iżidu l-kooperazzjoni u l-iskambji tal-prattiki tajba biex itejbu s-selettività u jnaqqsu l-impatt ta' ċertu sajd, u jimplimentaw bis-sħiħ l-approċċ ibbażat fuq l-ekosistema;

Emenda 36

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 31x (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	31x. Jitlob liż-żewġ partijiet isaħħu l-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni tagħhom fil-livell internazzjonali, fil-qafas tal-organizzazzjoni reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd jew mal-istati kostali dwar il-ġestjoni kondiviża tal-istokkijiet tal-ħut; jenfasizza l-ħtieġa li l-UE u r-Renju Unit jintensifikaw il-kooperazzjoni tagħhom fil-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux

	irrappurtat u mhux irregolat u li jappoġġjaw l-azzjonijiet meħtieġa biex tali sajd jinqered fil-forums internazzjonali kollha, filwaqt li tingħata attenzjoni speċjali lit-tisħiħ tar-regoli dwar it-trasparenza u t-traċċabbiltà tal-prodotti tal-frott tal-baħar importati;

Emenda 37

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 31y (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	31y. Ifakkar liż-żewġ partijiet fil-ħtieġa ta' kooperazzjoni akbar fl-azzjonijiet tagħhom rigward l-ippjanar tal-ispazju marittimu, b'mod partikolari fir-rigward tal-kunflitti bejn il-proġetti ta' parks eoliċi offshore u l-objettivi ta' konservazzjoni jew mas-settur tas-sajd; jappella għal approċċ ibbilanċjat bejn l-interessi kollha li jikkonċernaw l-użu tal-ispazju marittimu, li għandu jiżen id-dimensjoni ambjentali, dik ekonomika u dik soċjali, filwaqt li jiżgura l-konsistenza u l-ġustizzja fis-setturi kollha;

Emenda 38

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 31z (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	31z. Jitlob sforzi konġunti miż-żewġ partijiet biex jiżviluppaw ir-riċerka xjentifika u jiskambjaw l-aħjar prattiki sabiex jidentifikaw u jneħħu l-munizzjon minn qiegħ il-baħar;

Emenda 39

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 31aa (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	31aa. Jitlob li l-partijiet kollha jiżguraw li l-ħruġ tal-liċenzji u l-awtorizzazzjonijiet biex il-bastimenti tal-UE jistadu fl-ilmijiet tar-Renju Unit u tad-Dipendenzi tal-Kuruna jitwettaq mingħajr ostakli amministrattivi, fiskali jew finanzjarji;

Emenda 40

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 31ab (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	31ab. Jistieden lill-Kummissjoni, minħabba s-sitwazzjoni speċifika taċ-Channel Islands, tiffaċilita l-kollaborazzjoni bejn il-partijiet permezz ta' rabtiet aħjar bejn id-djalogu reġjonali u l-Laqgħa tal-Quad; jitlob li l-partijiet jinvolvu lir-rappreżentanti tas-settur tas-sajd, lill-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha, u lill-awtoritajiet lokali u reġjonali, u jippromwovu l-mudell ta' koġestjoni tas-sajd;

Emenda 41

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 31ac (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	31ac. Ifakkar li r-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit (RAB) ġiet stabbilita biex timmitiga l-konsegwenzi ekonomiċi, soċjali, territorjali u ambjentali tal-Brexit; ifakkar li dan il-fond ta' EUR 5,4 biljun kien maħsub biex ikun ta' benefiċċju għas-settur tas-sajd, inkluż is-sajd fuq skala żgħira, li ntlaqat b'mod sproporzjonat mill-Brexit; ifakkar li r-Regolament RAB kien jirrikjedi li l-Kummissjoni tinforma lill-Parlament u

lill-Kunsill bis-sitwazzjoni attwali tal-proċess ta' implimentazzjoni sa Ġunju 2024; jiddispjaċih għall-fatt li l-Kummissjoni s'issa għadha ma pprovdiet l-ebda informazzjoni dwar il-kwistjoni; jitlob li, qabel tmiem l-2025, il-Parlament u l-Kunsill jiġu infurmati bis-sitwazzjoni attwali tal-proċess ta' implimentazzjoni tal-BAR;

ANNESS: DIKJARAZZJONI TA' KONTRIBUT

F'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura, ir-rapporteur għal opinjoni tiddikjara li fl-opinjoni tagħha inkludiet kontribut dwar kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mas-suġġett tal-fajl li irċeviet, għat-tħejjija tal-opinjoni, qabel l-adozzjoni tagħha fil-kumitat, mingħand ir-rappreżentanti ta' gruppi ta' interess li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza[1] li ġejjin, jew mingħand ir-rappreżentanti ta' awtoritajiet pubbliċi ta' pajjiżi terzi, inklużi l-missjonijiet diplomatiċi u l-ambaxxati tagħhom, li ġejjin:

1. Rappreżentanti ta' gruppi ta' interess li jaqgħu fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar reġistru obbligatorju ta' trasparenza
Comité national des pêches maritimes et des élevages marins (France)
Comité régional des pêches des Hauts-de-France
Comité régional des pêches de Bretagne
Comité régional des pêches de Normandie
Région Hauts-de-France
Représentation de la région Bretagne à Bruxelles
Représentation de la région Normandie à Bruxelles
Union des armateurs à la pêche de France
Direction générale des affaires maritimes, de la pêche et de l'aquaculture (France)
Représentation permanente de la France auprès de l'UE
Ministère de la transition écologique, de la biodiversité, de la forêt, de la mer et de la pêche (France)
2. Rappreżentanti ta' awtoritajiet pubbliċi ta' pajjiżi terzi, inklużi l-missjonijiet diplomatiċi u l-ambaxxati tagħhom([3])

Il-lista ta' hawn fuq hija mfassla taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-rapporteur għal opinjoni.

Meta persuni fiżiċi jkunu identifikati fil-lista b'isimhom, bil-funzjoni tagħhom jew bit-tnejn li huma, ir-rapporteur għal opinjoni tiddikjara li ppreżentat lill-persuni fiżiċi kkonċernati l-Avviż tal-Parlament Ewropew Nru 484 dwar il-Protezzjoni tad-Data (https://www.europarl.europa.eu/data-protect/index.do), li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet applikabbli għall-ipproċessar tad-data personali tagħhom u d-drittijiet marbuta ma' dak l-ipproċessar.

[1] Il-Ftehim Interistituzzjonali tal-20 ta' Mejju 2021 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza (ĠU L 207, 11.6.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_interinstit/2021/611/oj).

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI MILL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Data tal-adozzjoni	16.7.2025
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 22 –: 0 0: 3
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Sakis Arnaoutoglou, Thomas Bajada, Stephen Nikola Bartulica, Asger Christensen, Carmen Crespo Díaz, Ton Diepeveen, Paulo Do Nascimento Cabral, Siegbert Frank Droese, France Jamet, Nora Junco García, Isabelle Le Callennec, Isabella Lövin, Giuseppe Lupo, Francisco José Millán Mon, Jessica Polfjärd, André Rodrigues, Sander Smit, António Tânger Corrêa, Emma Wiesner, Stéphanie Yon-Courtin, Željana Zovko
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Sebastian Everding, Idoia Mendia, Piotr Müller, Rasmus Nordqvist

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET MILL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

22	+
ECR	Stephen Nikola Bartulica, Nora Junco García, Piotr Müller
ESN	Siegbert Frank Droese
PPE	Carmen Crespo Díaz, Paulo Do Nascimento Cabral, Isabelle Le Callennec, Francisco José Millán Mon, Jessica Polfjärd, Sander Smit, Željana Zovko
PfE	Ton Diepeveen, France Jamet, António Tânger Corrêa
Renew	Asger Christensen, Emma Wiesner, Stéphanie Yon-Courtin
S&D	Sakis Arnaoutoglou, Thomas Bajada, Giuseppe Lupo, Idoia Mendia, André Rodrigues

0	-

3	0
The Left	Sebastian Everding
Verts/ALE	Isabella Lövin, Rasmus Nordqvist

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni